# Intervista mal-ewwel fundatur u editur tal-'Aħna Lilkom'



**Ħsibna li tkun ħaġa f'postha li nagħmlu intervista lil Fr. S. Tomlin mssp fundatur u l-ewwel editur ta' l-"Aħna lilkom".**

**Fr. Tomlin, kif ġietek din l-ideja li tibda toħroġ din il-leaflet?**

Kif ktibt fl-ewwel ħarġa, għas-Soċjetà tagħna, dak iż-żmien,kienu bdew orizzonti ġodda. Bdew jiżdiedu l-vokazzjonijiet u allura l-possibiltà li nitferrxu iżjed barra minn Malta. Dak iż-żmien konna diġa' fl-Awstralja. Imma kif tista' tilħaq dan l-idejal? Triq waħda hemm, li aktar nies isiru jafuna jsiru ħbieb tagħna, jibdew jgħinuna u hekk jagħmlu parti mix-xogħol tas-Soċjetà.

**Kif ġiek f'moħħok l-isem ta' "Aħna Lilkom", ħolqa bejn il-ħbieb?**

Semmejtha "Aħna Lilkom", għax proprju ridna nagħmlu katina magħmula minn ħafna ħoloq li torbot lilna mal-ħbieb. Allura permezz ta' din il-*leaflet* inżommu lil ħbieb tagħna infurmati bl-aħbarijiet u x-xogħol tagħna.

**Tul dawn il-ħamsin sena, kien hemm diversi edituri. Taħseb li baqgħu jżommu l-istess idejal tiegħek?**

Iva ħafna. U baqgħu jinsistu li s-Soċjetà għandha tidher bħala opra t'Alla u allura tiddependi mill-Providenza u l-providenza dejjem inqdiet bil-benefatturi li tant iħobbuna. Baqgħu wkoll jaġġornawha u jagħtuha libsa sabiħa li għandha illum.

**Illum wara li għaddew ħamsin sena, taħseb li "l-Aħna Lilkom" laħqet l-iskop tagħha?**

Nixtieq nirrispondik bi tlett ħsibijiet.

L-ewwel, dak iż-żmien li bdiet toħroġ din il-*leaflet*, kont tiskanta kemm nies ma kinux jafu bina. Minn kien jgħidilna ta' San Ġużepp u minn ta' l-Oratorju; dan minħabba l-fatt li hemm l-aktar li konna naħdmu. Anke fost il-membri tal-kleru ma' kellhomx idejat ċari fuqna. Biex tkompli tgħaqad dak iż-żmien l-isem tagħna kien "Il-Kumpanija ta' San Pawl". It-titlu ta' *kumpanija*,kien aktar assoċċjat ma' kumpanija tat-teatrin jew xi ħaġa simili. Għalhekk bdejna nissejħu bl-isem aktar proprju tagħna, *Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl*. Allura din il-*leaflet* aktar ma bdiet tiġi f'idejn in-nies aktar bdew isiru jafu fuqna. Saru jafu ukoll, li kien bniedem malti li waqqafha din is-Soċjetà, Mons. Ġużepp De Piro.

It-Tieni skop li kellha l-"Aħna Lilkom", kien il-vokazzjonijiet. Biex nilħqu dan il-għan ippruvajna li noħolqu kuxjenza missjunarja, ħalli b'hekk jistgħu jitħajru żagħżagħ li jingħaqdu magħna.

It-Tielet, is-Soċjetà mill-bidunett tagħha dejjem iddependiet mill-benefatturi, li kienu u għadhom l-uniku riżors finanzjarju tagħna.Għalhekk bdejna dak li sejjaħnielhom fundazzjonijiet. B'dawn il-mezzi stajna nibqgħu niffurmaw il-missjunarji tagħna, nibnu d-djar tagħna u inkabbru l-ħidma tagħna speċjalment fil-Perù, fil-Pakistan u fil-Filippini, barra il-djar l-oħra li għandna fl-Awstralja u l-Canada.




## Issa wara li qrajt din il-leaflet, tixtieq tgħinna ħalli inkomplu noħorġuha?

### Tista' tagħmel dan billi tkun:

**Sostenitur Ordinarju** Donazzjoni Libera

**Sostenitur Ħabib** €23 fis-Sena

**Sostenitur Perpetwu** €117 Darba

L-indirizz tiegħi hu: 'L-Oratorju' Triq San Ġiljan, B'Kara, BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968



FRAR / GĦADD 434

EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP



50 Sena

# aħna lilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB

NEWSPAPER POST

SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159


## L-'AĦNA LILKOM' tagħlaq 50 sena


Fr Norbert Bonavia mssp, *Editur*


**"…issa bdew orizzonti ġodda. Għall-grazzja t'Alla il-vokazzjonijiet bdew ġejjin. L-Isqfijiet ta' barra kuntenti bina u dejjem jitolbuna iżjed. Issa x'jonqosna? Jonqosna ħbieb iżjed. Ħbieb li mingħajrhom ma nimxux. Dejjem għixna bil-karita' u hekk beħsiebna ngħixu. Imma l-ħbieb iridu jkunu jafu fuqna…"**

Hekk kiteb Fr. Stanley Tomlin mssp il-fundatur u l-ewwel editur tal-"Aħna Lilkom", fl-ewwel faċċata, fl-ewwel ħarġa 50 sena ilu.

Kien propju fi Frar tal-1959 meta ħarġet għall-ewwel darba din il-*leaflet*. Il-bidu tagħha kien ħafna modest. Ħarġet b'żewġ kuluri . Il-kliem kien ċelesti u r-ritratti kienu kannella ċari. F'din l-ewwel ħarġa barra l-artiklu tal-editur fil-faċċata, ġewwa kien hemm artiklu jismu "Min hu Mons. Ġ. De Piro" u n-naħa l-oħra kien hemm artiklu meħud mis-"*Sunday Visitor*", li kien kitbu l-Isqof Fulton J.Sheen, fuq il-ġenerożità li għandu jkollna lejn il-missjoni. L-aħħar faċċata kienet maqsuma f'żewġ kollonni, waħda artiklu żgħir ta' l-Isqof E. Galea fuq "Is-Soċjetà ta' San Pawl", u n-naħa l-oħra bħal djarju ta' x'sar fl-aħħar sena fis-Soċjetà, din ħarġet mill-istamperija li kien hemm fl-Istitut ta' San Ġużepp.

Għall-grazzja t'Alla din il-*leaflet* intlaqgħet tajjeb minn bosta nies. B'reazzjoni għall-ewwel ħarġa rċivejna xi ittri biex jifirħulna. Waħda minnhom kienet ta' Fr.Charles G. Vella fejn fost l-oħrajn kiteb, "…*.Nixtieq nifirħilkom tal-idea sabiħa li biha ser tkomplu tqanqlu l-interess tal-Maltin fis-Soċjetà providenzjali tagħkom… komplu kif bdejtu u ibqgħu ibagħtuli l-'leaflet', li jien infittex dejjem li ngħaddih f'idejn xi żagħżugħ u itolbu għal Moviment ta' Kana….*"

Jiena, li niftakar l-ewwel ħarġa, għax dak iż-żmien kont novizz , rajtha tikber tul dawn il-ħamsin sena. Għal ħafna snin baqgħet toħroġ b'żewġ kuluri, imbagħad bdejna noħorġuha b'erba kuluri. Nixtieqkom li kieku tistgħu taraw il-ħarġiet kollha ħalli tapprezzaw l-iżvilupp li sar tul dawn il-Ħamsin sena. Din il-ħarġa hija il-434. Tul dawn is-snin ippruvajna dejjem inżommukom infurmati b'dak kollu li kien ikun għaddej fis-Soċjetà' tagħna.

Inħoss li għandna ngħidu GRAZZI KBIRA lil Alla għal dawn il-ħamsin sena, u xejn inqas lilkom qraba , benefatturi u ħbieb tagħna għax wara Alla intom għandkom sehem kbir fil-missjoni li aħna qed inwettqu kull fejn qed naħdmu.

Nieħdu gost jekk tibktbulna u tgħidulna dak kollu li tħossu fuq l-"AĦNA LILKOM".


AHNA.... LILKOM

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB. ST. AGATHA'S, RABAT

GĦALFEJN DIN IL-LEAFLET

L-ewwel ħarġa tal-'Aħna Lilkom', fl-1959

Messaġġ ta' l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P.

# Pubblikazzjoni b'valuri storiċi u reliġjużi qawwijja



Pawlu Cremona O.P
*† Arċisqof ta' Malta*

Huwa pjaċir tiegħi li nikteb dan il-messaġġ għal-*leaflet* 'Aħna Lilkom', *ħolqa bejn il-ħbieb* fil-50 Anniversarju ta' din il-publikazzjoni.

Żgur li meta ħareġ l-ewwel numru kien għemil ta' kuraġġ, bħalma jiġri f'kull ħaġa li tinbeda. Iktar u iktar illum nifirħu għaliex issa dan il-*leaflet* kiber fin-numru, u għaliex kompla jiġi ppublikat għal 50 sena. Min jaf kemm publikazzjonijiet jibdew u jieqfu għaliex ma jkunx hemm min imexxihom. Nixtieq nifraħ lilkom ukoll għaliex matul is-snin is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl dejjem sabet persuni bl-ispirtu li jkomplu din l-opra.

Matul dawn is-snin sa llum, il-publikazzjoni baqgħet dejjem fidila għar-raġunijiet li għalihom ġiet ippublikata; "Aħna" jiġifieri is-Soċjetà Missjunarja ta' San' Pawl, li jkellmu "Lilkom", jiġifieri l-poplu Malti li jilqa' bil-qalb it-tagħrif u t-tagħlim li jieħdu minn dan il-*leaflet*.

Ir-raġunijet jidhru ċari:

- It-trawwim ta' kuxjenza missjunarja fil-Maltin u l-Għawdxin, ħaġa li toħroġ mill-kariżma tas-Soċjetà;
- L-għarfien aħjar tal-Fundatur, il-Qaddej t'Alla, Mons. Ġużeppi De Piro, li l-Mulej inqeda bih biex iwaqqaf l-unika Kongregazzjoni maskili f'Malta;
- Bħala għajn ta' informazzjoni vokazzjonali għal żgħażagħ li l-Mulej qiegħed isejħilhom biex jingħaqdu mas-Soċjetà;
- Mezz li bih ħafna benefatturi jibqgħu infurmati fuq dak li għalih qegħdin jgħinu, mezz li fuqu unikament jiddependu l-opri tas-Soċjetà.

Ovvjament dan kollu iservi mhux biss għal dawn l-għanijiet, iżda għaliex jiġi f'idejn ħafna iktar persuni li b'hekk jikbru fil-Fidi Missjunarja u fil-Qdusija.

Jiena nibgħat il-Barka tiegħi fuq l-Editur, Fr. Norbert Bonavia mssp, lill-kollaboraturi tiegħu u lill-qarrejja tal-*leaflet*.

Messaġġ mis-Superjur Ġenerali

Fr Bernard Mangion mssp
*Superjur Ġenerali*

# 50 sena twemmin għal għan



Għażiż Fr. Norbert Bonavia, nixtieq nifraħ lilek u lil dawk responsabbli qablek mill-'Aħna Lilkom', fl-okkażżjoni tal-ħamsin anniversarju tal-ħruġ tagħha.

Niftakar qisu lbieraħ, l-entużjażmu tagħna meta Fr. Stanley Tomlin ħareġ l-ewwel numru ta' dan il-fuljett, fuljett li għaqqadna ma' tant ħbieb u benefatturi tal-ħidmiet missjunarji tas-Soċjetà tagħna. Hija *leaflet* ħajja li tbiddlet fil-format matul iż-żminijiet imma fl-istess ħin baqgħet dejjem fidila għall-ħsieb oriġinali tagħha jiġifieri dik li tkun ħolqa bejn is-Socjetà u l-benefatturi u l-ħbieb tagħha u li tkun mezz ta' animazzjoni missjunarja fil-gzejjer maltin.

F'dawn il-ħamsin sena l-'Aħna Lilkom' żammet dejjem infurmati lill-ħbieb u benefatturi tagħna bil-ħidma missjunarja tas-Soċjetà tagħna. B'dan il-mod serviet ħafna biex iżżomm ħajja fil-qlub ta' ħafna Maltin il-fjamma tal-imħabba li dejjem urew lejn il-missjoni tal-knisja u ipparteċipaw fiha b'ġenerożità kbira. Il-Knisja ma tistax tkun matura jekk ma tkunx missjunarja. L-istess in-nisrani individwali ma jistax ikun nisrani matur jekk ma jħossx taqbad f'qalbu x-xewqa li jikkomunika it-twemmin tiegħu lill-oħrajn. Il-bxara t-tajba li ġabilna Kristu hija dik li tista' ssalva lid-dinja minn tant diżordni u inġustizzji. Hija hi li tqanqal fina spirtu ta' solidarjetà u mħabba speċjalment lejn dawk li huma batuti u emarġinati. Fl-aħħarnett hija dik li twassalna lkoll għas-salvazzjoni eterna.

Grazzi u Awguri

# "Aħna Lilkom"



† Mario Grech
*Isqof t'Għawdex*

L-istess isem li ġġib din il-pubblikazzjoni li qed tiċċelebra l-50 sena "Aħna Lilkom" jikxef ħafna dwar min qed ikellimna permezz tagħha.

Għax min jistqarr li hu dispost għal ħaddieħor, ifisser li hu mhux biss huwa lest li jikkomunika aħbar jew tagħrif, imma lest ukoll biex jagħti lilhu nnifsu.

Jiena konvint li dan huwa l-ispirtu li janima s-Soċjetà' Missjunarja San Pawl. Hija Soċjetà' ta' reliġjużi li dejjem lesti li "jingħataw lilkom". Din l-għotja jwettquha b'diversi modi, partikularment bil-ħidma missjunarja, f'pajjiżna u 'l hemm minn xtutna, li dwarha naqraw f'dan il-fuljett. Hija s-sejħa tagħhom li jkunu għas-servizz ta' l-oħrajn. Il-ħidmiet varji tagħhom nistgħu niġbruhom f'espressjoni waħda:"Aħna Lilkom".

Imma is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, wirtet dan il-kariżma minn għand il-Fundatur tagħha Mons. Ġużeppi De Piro. Kull min kellu l-okkażjoni jaqra ħajtu, u inheġġeġ lil min għadu sajjem dwaru biex ifittex jaqraha, jaf li De Piro kien saċerdot mogħti lil Alla, lil Knisja, u lil bniedem, aktar u aktar meta dan ta' l-aħħar ikun jgħix f'faqar materjali, affettiv, u spiritwali. Fuq fomm De Piro nista' npoġġi din il-frażi:"Jien Lilkom"... "Jien Għalikom". Hu jikteb li aħna għandna nagħtu lil oħrajn dak li San Pawl ta lilna.

Nawgura li din il-ħolqa bejn il-ħbieb, tgħinna biex fina ukoll tikber din l-attitudini ekkleżjali:"Aħna Lilkom", li timplika attitudni missjunarja.

# Storja ta' Suċċess fil-Missjoni dinjija



Messaġġ tal-Vigarju Reġjonali
Fr Louis Mallia mssp

Is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl f'dawn l-aħħar ħamsin sena hawn Malta kellha dan il-fuljett 'Aħna Lilkom" li tqassam b'mod regolari kull xahar biex jiltaqa' ma ħafna familjari u benefatturi tal-Missjoni u anke biex iħeġġeġ x-xrara missjunarja li kellu l-Fundatur tagħna Mons. Ġużeppi De Piro, li kif insibu fi kliemu stess, "Minn jgħin lil Missjunarju huwa missjunarju".

Ħamsin sena għal tnax il-xahar b'impenn ta' diversi edituri f'din il-pubblikazzjoni ma kinitx ħaġa żgħira – u jekk tqis 'il ħafna benefatturi li rrispondew lejn dan il-fuljett u anke jekk biss tipprova tqis kemm ġid sar kemm Malta kif ukoll fil-Missjoni tista' tikkonkludi li din il-pubblikazzjoni f'dawn is-snin kollha kienet strumentali ħafna. Dan il-*leaflet* kien ukoll ta' għajnuna għall-vokazzjonijiet missjunarji speċjalment l-istejjer li nkitbu fuq il-missjunarji.

Bla dubju l-'Aħna Lilkom' kienet promozzjoni tajba ta' diversi proġetti kemm Malta kif ukoll fil-pajjiżi li fihom qed naħdmu. Dan il-fuljett mexa maż-żminijiet sbieħ ta' ftuħ tal-missjonijiet prinċipali tagħna: fl-Awstralja, fil-Kanada u l-Amerika, fil-Peru, fil-Pakistan, fl-Italja u fil-Filippini. Mal-mixja storika fil-ħidma missjunarja tagħna kien hemm iwieżnu mal-id t'Alla l-ġenerożità ta' ħafna benefatturi li kienu qed jaraw permezz ta' dan il-*leaflet* dak li aħna konna qed nagħmlu u nixtiequ nagħmlu. Nistgħu nħarsu lura b'ħafna kuraġġ għaliex għalkemm huwa *leaflet* żgħir imma permezz tiegħu Alla għamel affarijiet kbar. Issa hija l-isfida tagħna li nibdew it-tieni ħamsin sena b'mod ġdid li jirrispondi iż-żminijiet li s-Soċjetà qed iddaħħalna fihom.

Grazzi mill-qalb

# Grazzi Lilkom



Fr. Norbert Bonavia mssp

Għeżież qraba benefatturi u ħbieb tagħna, jiena bħala l-editur attwali, nixtieq f'din l-okkażżjoni tal-ġublew tad-deheb ta' l-"Aħna Lilkom", inwassal ir-ringrazzjamenti tiegħi. L-ewwelnett lill-Mulej Alla, għax kull ma nagħmlu jkun hu l-bidu u t-tmien tiegħu. Grazzi kbira tmur ukoll lill-għeżież Isqfijiet tagħna u lis-Superjur Ġenerali u l-Vigarju Provinċjali għall-messaġġi li għoġobhom jibgħatulna, lill-edituri kollha ta' qabli, lil tant nies li jgħinuna biex inwassluha fid-djar ta' ħafna nies, billi jwaħħlulhom l-indirizzi, kif ukoll lil tant oħrajn li jqassmuha fil-parroċċi tagħhom. Lil "*Outlook Coop*" ta' Ħal-Qormi, għal ġenerożità u l-imħabba fix-xogħol tal-grafika. U fl-aħħar u mhux l-inqas lilkom li dejjem kontu warajna.

Grazzi tal-għajnuna.